**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U TLETIN 29ta'NOVEMBRU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, Kenneth Farrugia, Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri attenda.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **33.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 33.1.1 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia informa li ma jistax jattendi. L-apoloġija ġiet aċċettata. |
| | | |
| **33.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 33.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu laqgħa fuq ir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto, u ġie nfurmat li ser issir funtana sempliċi u mhux ser ikun hemm spejjeż għall-kunsill, minħabba li ser jinġibu fondi MELP. |
| | | |
| 33.2.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici, rringrazzja lil min attenda għall-Half Marathon li reġgħet kienet suċċess. |
| | | |
| 33.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fir-rigward ta' punt 32.5.3, li l-bankina fi Vjal ix-Xarolla fejn il-plot il-vojt, ġejja 1.3metri 'l barra minn dik eżistenti u meta tkun lesta ser tkun tista tgħaddi biss vettura waħda mit-triq. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 33.2.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia staqsiet lill-Kunsillier Joseph D'Amato fuq punt 32.7.3, jekk marx jara l-każ. Hu qal li meta mar jara l-bankina ma kienetx xita, u għandu jerġgħa jmur meta tkun ix-xita. |
| | | |
| 33.2.5 | | Ġew approvati l-minuti tal-tnejn u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***33.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 33.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 41.<br>Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 33. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***33.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 33.4.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 51 tar-Reġjun Nofsinhar u l-minuti tal-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali numru 52. |
| | | |
| | | |
| ***33.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 33.5.1 | | Is-Sindku f'isem il-Kunsill feraħ lill-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia għax gradwat riċentament. |
| | | |
| 33.5.2 | | Is-Sindku qal li biex tinfetaħ il-kamra ta' fejn il-venda tat-trasport pubbliku u titnaddaf il-prezz ikun ta' 95.50Euro fix-xagħar. Fl-opinjoni tiegħu, wara li tant kemm il-Kunsill tħabat biex ġab il-kamra u issa mhux ser tintuża tkun ħela.<br>Kien hemm qbil li t-tindif u l-ftuħ ta' din il-kamra, jibda mill-1 ta' Diċembru sal-aħħar ta' Mejju 2018. It-tindif ser tagħmlu l-persuna li tiftaħ u tnaddaf il-letrini pubbliċi. |
| | | |
| 33.5.3 | | Is-Sindku qal li fi Triq il-Mitħna hemm sqaq u fl-isqaq resident irid jagħmel rampa bil-konkos biex ikun jista jdaħħal xi makkinarju. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Joseph D'Amato jmorru fuq il-post biex jaraw il-każ u l-punt jerġa jitressaq f'seduta oħra. |
| | | |
| 33.5.4 | | Is-Sindku qal li fejn iċ-ċimiterju tal-Qrendi, li tali triq ser jagħmilha l-Kunsill tal-Qrendi, hemm gabillot li talab lis-Sindku biex jagħmel trinka u pajp biex l-ilma jidħol fl-għalqa tiegħu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 33.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn it-talbiet mir-residenti:<br>• biex isiru żewġ bollards quddiem dar 36/37 fi Triq il-Warda, ghax persuna li ddaħħal il-mutur ġod dar tagħha qed issib l-aċċess għar-residenza tagħha imblukkat, bil-konsegwenza li għamlet diversi rapport fl-għassa taż-Żurrieq u ma ttieħdiedtx azzjoni. Kien hemm qbil li jsiru żewġ bollards quddiem dan ir- |

| | | |
|---|---|---|
| | | resident, biex jonqoslu l-inkonvenjent.<br>• Biex issir bollard ħdejn residenza 36 Triq San Bartilmew minħabba li l-vetturi li jgħaddu qed ikunu ta' periklu għaliha, għax qed jafsu mar-residenza tagħha. Kien hemm qbil li jsiru double yellow lines quddiem ir-residenza tagħha.<br>• Sid ta' garage CPS (servizzi- parking sensors fuq vetturi) fi Triq Gorg Sammut qed jitlob permess biex iwaħħal tabelli li jindikaw in-negozju tiegħu. Tali tabelli jridhom fi Triq Bronja u f Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti qisien ta' kemm għandhom ikunu t-tabelli u jistaqsi fejn u kemm –il waħda ser iwaħħal.<br>• Jiġu spustjati 3 bankijiet li jinsabu fi Triq Filippu Farrugia k/m Triq Burlanġasa, minħabba li qed idejqu l-privatezza tar-residenti tal-viċin. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Residenta minn Triq il-Qrendi qed titlob li l-parti tat-triq fejn hemm il-petshop sal-armerija issir 'one way'. Ma tagħmlili differenza liema naħa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lir-residenti u jitlob l-approvazzjoni tagħhom li t-triq issir direzzjoni minn Vjal il-Blue Grotto għal fejn l-armerija. Jitlobhom biex jiġu fil-Kunsill u jiffirmaw petizzjoni biex tkun tista titressaq lit-TM.<br>• Pjazza San Gorg qed jitolbu għal żewġ bankijiet oħra. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Bżonn ta' sleeping policeman fis service road ta' Vjal il-Blue Grotto fejn Ctronics. Kien hemm qbil li tinqala waħda minn Triq il-Ħaddiem (quddiem l-uffiċċju tal-Perit Vella) għax ma jriduhix u titwaħħal fejn mitluba.<br>• Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li Fi Triq San Pawl ukoll talbu għal sleeping policeman jew stop marking. Kien hemm qbil li ssir stop sign u marking.<br>• Stephanie Calleja li torganizza l-korsijiet ta' Chatterbox qed titlob biex tkompli għax-xhur ta' Jannar u Frar. Għax xhur ta' Lulju/Awwissu. Il-Kunsill daħħal 27Euro għal dawn il-korsijiet. Kien hemm qbil li dawn il-korsijiet jitkomplew u nitolbu jekk t-tfal humix żrieraq. |
| | | |
| 33.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sena ttieħdet madwar 800 injection kontra il-virus tal-influwenza. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser jagħti xi ringrazzjament bħal ma ta fi snin preċedenti, lil dawk il-persuni li taw l-għajnuna tagħhom f'dik il-ġurnata. Dawn il-persuni kienu l-Viċi Sindku Rita Grima, il-Kunsilier Joseph D'Amato u s-Sinjuri Erwin Frans Darmanin, Mary Rose Scalpello u Mary Sammut.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 33.5.4 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li qed ikollna ħafna ilmenti ta' kontravenzjonijiet, fejn il-Maypole u fejn tal-pastizzi fi Vjal il-Blue Grotto. Hu ssuġġerixxa li jsiru cctv fi Vjal il-Blue Grotto u safety flexible bollards fejn il-Maypole biex vetturi ma jipparkjawx faċċata tal-ħanut u jinblukkaw it-triq.<br>Kien hemm qbil fuq dawn.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa ukoll:<br>• li qabel iż-żewġ zebra crossings li jinsabu mingħajr traffic lights fi Vjal il-Blue |

| | | |
|---|---|---|
| | | Grotto, issir żebgħa ħamra apposta biex tali crossings jidhru aktar mis-sewwieqa u biex il-vetturi ma jiżolqux fuqhom. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>• Li l-parking bays ta' Triq P P Saydon li jinsabu bil-maqlub tad-direzzjoni tat-traffiku, jiġu kif suppost. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Kien hemm qbil li fuq iż-żewġ punti tintalab l-approvazjoni ta' TM u tintalab f'liema pożizzjoni waslet it-talba tal-Kunsill fuq l-20 minuta parkeġġ fil-pjazza. |
| | | |
| 33.5.5 | | Il-Kunsillier David Abdilla ressaq il-proposta li tintefa aktar ħamrija fi Ġnien il-Bennej biex jitattew il-wires li hemm ta' periklu. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni tal-contract manager. |
| | | |
| 33.5.6 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li llum bis-saħħa tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ twaħħlu 4 bankijiet fi Ġnien il-Ġibjun.<br>Il-Kunsill feraħ lill-Kunsill taż-Żgħażagħ |
| | | |
| ***33.6*** | | ***Ftuħ ta' Vjal l-Indipendenza ( kienu mistiedna jattendu r-residenti nvoluti)*** |
| | | |
| 33.6.1 | | Is-Sindku stieden lir-residenti preżenti li kienu:<br>Familja Grixti li jikkonsistu fi 3 residenti ta' 2 Triq il-Kunċizzjoni u<br>Familja D'Amato/Zammit li jikkonsistu fi 3 residenti ta' Grotta Azzura, Triq il-Mitħna Zurrieq. .<br>Il-Familja Grixti qalu li r-residenza tagħhom hi mikrija mingħand Farrugia (li dettalji tagħhom għad iridu jaslulna) u li hi l-ewwel dar li trid titwaqqa biex tinfetaħ it-triq.<br>Il-familja D'Amato/Zammit għandhom ir-residenza tagħhom u qalu li lesti li jikkunsidraw negozjati imma jridu dar alternattiva oħra u qatt mhu ser jaċċettaw li jgħixu ġo flat.<br><br>Il-familja Grixti ukoll lesti li jikkunsidraw post ieħor imma mhux lest li joħroġ flus żejda u jridu li fil-post alternattiv iżommu żewġt iklieb tagħhom. Is-Sindku ser iġib l-informzzajoni ta' sid il-post.<br><br>Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha ser iressaq rapport bil-miktub lill-entita' ikkonċernata. |
| | | |
| 33.6.2 | | Il-Kunsillier David Abdilla ħareġ mis-seduta fit-19:50 |
| | | |
| ***33.7*** | | ***Laqgħa mal-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi*** |
| | | |
| 33.7.1 | | Is-Sindku laqa' lill-Onorevoli Dr Stefan Zrinzo Azzopardi, u feraħlu għax dejjem isib l-għajnuna tiegħu anke permezz ta' PQs li jagħmel.<br>Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq Vjal ix-Xarolla u fuq ix-xogħol li qed idum wisq biex jitkompla. Is-Sindku kkuntatja lill-diversi persuni minn TM, imma s'issa x-xogħol mixi b'pass kajman, jekk mhux wieqaf.<br><br>L-Onorevoli Zrinzo Azzopardi, rringrazzja lill-Kunsill talli laqa' l-istedina tiegħu |

u qal li jħossu li qed jiltaqa mal-ħbieb. Hu qal li bħala rappreżentant taż-Żurrieq jista jagħmel ċertu PQs biex imexxi x-xogħlijiet.

- Fuq il-proġett ta' Vjal ix-Xarolla, qal li għalkemm li jaf kemm ic-chairman ta' TM ħadem u qed jinsisti fuq il progett, ix-xoghol xorta mhux għaddej kif mixtieq u qed ikun ta' inkonvenjent kbir.
- Semma l-każ tad-djar li jridu jitwaqqgħu minn Vjal l-Indipendenza biex tinfetaħ it-triq. Jaf li hemm diskussjonijiet minn TM mar-residenti. U hu ukoll qed jaħdem fuq il-każ.
- Tkellem fuq pregji storiċi fiż-Żurrieq – qal li għandu jsir żvilupp ta' heritage routes biex jagħti żvog ta' żvilupp li jżomm il-karattru taż-Żurrieq, li f'irħula oħra intilef u b'hekk jinħolqu opportunatajiet ta' xogħol permezz ta' inizjattivi turistiċi. B'hekk dgawdi l-komunita' taż-Żurrieq. Hu qal li għandu jkun hemm forum biex naraw dawn l-inizjattiv u jitpoġġew il-postijiet ta' interess fuq il-mappa. Bit-turiżmu jinġieb aktar investiment f'dan il-lokal.
- Pożittiv jinnota li n-nurseries taż-Żurrieq Wolves u Żurrieq FC qed jaħdmu bis-sħieħ għall-isports.
- Semma li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ser jagħmel manutenzjoni estensiva fl-iskola primarja taż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato tkellem fuq dar jew night shelter għall-anzjani u xtaq l-ghajnuna tal-membri parlamentari.
L-Onor. Zrinzo Azzopardi qal li jikkondividi s-suġġeriment u qal li hi problema kbira fis-south ta' Malta għax San Vincenz qed jintela u qed tkun problema biex jaċċettaw aktar residenti. Qed isir pjanar li ssir dar tal-anzjani fl-Imqabba għal 90 sodda, li huma ftit wisq għal-lokalitajiet ta' wara il-mina. Din ser issir bl-iskema tal-PPP. Hu qal li lest li jgħin fuq dan il-proġett jekk il-Kunsill taż-Żurrieq jindividwa art għal dan l-iskop.

- Fuq it-Triq Hal far qal, li l-każ jinsab fil-proċess tal-għażla tat-tender u qiegħed high priority li jsir. Hu qal li t-triq ser issir bil-fondi tal-UE u ser isir biss resurfacing u mhux li titwessa t-triq minħabba spejjeż ta' espropjazzjoni.
- Fuq Wied Fulija – qal li l-Wasteserv jinsabu fil-proċess tal-għażla tal-esperti għall-konsulenza, biex issir riabilitazzjoni u jitneħħa l-iskart li intefa matul is-snin. Jekk isir dan il-proġett ikun qed jintrebah wieħed mill-wirt f'dan il-lokal.

Il-Kunsillier JP Attard qal li japprezza s-serjeta tal-Onorevoli preżenti u talab li kull meta jkun hemm PQ li ż-Żurrieq ikollu x'jaqsam magħha, jkun grat li l-Kunsill ikun jaf biha u talab li tali PQs jiġu mibgħuta lill-Kunsill. L-Onorevoli Zrinzo Azzopardi lest li jibda jgħaddi l-PQs li jagħmel u talab lill-Kunsil li jekk ikollu bżonn li jressaq PQ jgħaddi l-informazzjoni u jkun jista jressaqha.

Il-Kunsillier JP Attard saħaq li l-Kunsill għandu jkun jaf b'affarijiet li jsiru jew jintalbu minn entitiajiet li jikkonċernaw liż-Żurrieq, qabel jixxandru fuq fb jew qabel ikunu jafu residenti.

Il-Kunsillier Dino Bonnici rringrazzja ukoll lill-Onorevoli preżenti ta' kull darba li ta l-appoġġ tiegħu. Il-Kunsillier qal li kienet attivita' storika li ż-żewġ

| | | |
|---|---|---|
| | | nurseries taż-Żurrieq inagħqdu u kienet ħaġa pożittiva. Hu qal li jħeġġeġ kull għajnuna sabiex tompli titkabbar il-kultura sportiva. |
| | | |
| ***33.8*** | | ***It-traffiku fiż-Żurrieq – ser ikun preżenti Spettur tat-Traffiku Pierguido Saliba*** |
| | | |
| 33.8.1 | | Is-Sindku laqa' lill-ispettur Saliba fis-seduta.<br>Is-Sindku semma li waqt din is-seduta l-Kunsillier inkarigat mit-traffiku għadda ċertu suġġerimenti tat-traffiku. L-ispettur qal li l-mandat li għandu hu fuq it-traffiku, hu li jaħdmu fuq toroq arterjali u distributorji, imma xorta lest li jgħati kull għajnuna.<br>Il-Kunsill għadda l-ilmenti li jsib mill-għassa tal-pulizija taż-Żurrieq u n-nuqqas ta' koperazzjoni li l-Kunsill għandu mal-għassa.<br>L-ispettur Saliba għadda l-kuntatti tiegħu lill-Kunsill u qal li lest li jagħti kull għajnuna fis-sistema tat-traffiku. |
| | | |
| 33.8.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ħareġ mis-seduta fit-20:20. |
| | | |
| ***33.9*** | | ***Estimi Annwali 2018*** |
| | | |
| 33.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft ta' rapport tal-estimi annwali 2018, li ħejjiet u tar-rapport Annwali Amministrattiv 2017. Dawn ġew approvati. |
| | | |
| ***33.10*** | | ***Laqgħa Annwali tal-Lokalita'*** |
| | | |
| 33.10.1 | | Kien hemm qbil li d-data tal-laqgħa annwali tal-lokalita' tkun f'27 Diċembru 2017, fis-18:00. |
| | | |
| | | |
| ***33.11*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Sejħa għall-offerti: TIM67/06/17 – Supply of portable Timpani*** |
| | | |
| 33.11.1 | | It-tender TIM67/06/17 għalqet nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru. Għal din it-tender ma kienx hemm offerrenti. |
| | | |
| 33.11.2 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta 20:15. |
| | | |
| 33.11.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ried jippreċiża dak li kien qal f'seduta preċedenti, fejn qal li kirja tat-timpani kienet qed tiswa lill-Kunsill 200Euro. Dan sar kemm –il darba l-Kunsill kera timpani mingħand Wave shop u li kien jinkludi affarijiet oħra mużikali u trasport. Kull darba li l-Kunsill kera t-timpani mingħand l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, tali timpani ingħataw lill-Kunsill bla ħlas. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***33.12*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 33.12.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li residenti talbu sprall fi Triq Stefano Zerafa. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 33.12.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li diversi bandisti mill-orkestra aċċettaw li jmorru l-isptar Mater Dei jferħu lill-pazjenti fiż-żminijiet tal-Milied. Hu tkellem mal-kap tal-iskola biex jieħu xi tfal ikantaw mal-orkestra. Il-kap tal-iskola aċċetta. Kien hemm qbil fuq dan u li l-Kunsill jipprovdi t-trasport għalihom. |
| | | |
| 33.12.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wara l-attivita' tat-28 ta' Diċembru ser ikun hemm bibita sponsorjata minn MayPole. Hu żied jgħid li fl-attitivata' ser jiġi kor u kantanti li nagħtuhom token (flixkun whiskey u ittra ta' ringrazzjament) għax dawn ma jitħalsux tas-servizz.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li ssir bibita lill-mużiċisti li ma jitħallsux ta' kull attivita' li jagħmlu. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Ser jinġib projector għall-attivita' biex jinġabru aktar nies. |
| | | |
| 33.12.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-orkestra ser tkun irrekordajta fi studio. Ser jingħata stima tas-servizz. |
| | | |
| 33.12.4 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li għall-ġurnata tal-blood donation attendew 33 imma mhux kull min attenda ġie aċċettat biex joffri d-demm. |
| | | |
| 33.12.5 | | Il-Kunsillier JP Attard identifika lokalitajiet *green area* u ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Onorevoli Chris Agius u ma' TM biex issir espropjazzjoni tagħhom sabiex jiġu utilizzati bħala parking areas. Dawn is-siti huma fit-toroq – Santa Klementina, Qiegħa, Bronja faċċata tal-Maypole, Zimermann Barbaro. |
| | | |
| 33.12.6 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li fi Triq il-Kbira hemm ħofra kbira, jeħtieġ li jsir patching tagħha. |
| | | |
| ***33.13*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 33.13.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***33.14*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 33.14.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' **€65,634.28.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Joseph D'Amato. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***33.15*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 33.15.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27ta' Diċembru, 2017 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 27 ta' DIĊEMBRU, 2017.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**